Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 20- It-Tlieta 19 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 fl-16:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |
| **Skużat** | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

## 20.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti u ġew approvati

## 20.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

Ġiet trattata t-talba ta' skuza għal-laqgħa mingħand il-Viċi Sindku Franco Ciangura peress li ma kienx jiflaħ.

## 20.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

20.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi beda l-kommunikazzjoni tiegħu b'aħbar tajba. Huwa rrefera għall- konferma mingħand il Comune ta' Loreto, Italia rigward ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet. Huma kkonfermaw li fil-jiem li ġejjin ser

jorganizzaw presentation fejn jintroduċu lil Kunsill tagħhom biex ntellqu din ir-relazzjoni għal aktar ħbiberija formali.

20.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-tħawwil ta' żewġ siġriet li ngħataw minn familja minn Għajnsielem u oħra mix-Xewkija lilna bħala ġest għax jarawna li aħna Kunsill li ninvestu fl-ambjent. Il-Kunsill qabel li għandna nirringrazzjawhom ta' dan il-ġest nobbli. Huwa spjega kif waħda mis-sigriet tħawwlet quddiem il-ġnien tal-Kunsill u l-oħra tħawwlet taħt il-Każin bħala replacement tas-siġra li mietet fejn għamilna t-taraġ.

20.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-dalma kbira li hemm wara l-Knisja u talab lill-kunsilliera biex jaħsbu x'nistgħu nagħmlu biex insolvu l-problema fosthom jsir fanal simili ghal dak ta' 6 li twaħħal quddiem il-kazini izda bi tlett ferghat biss cioe nofs cirku.

20.4.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li nbeda l-proġett taż-żebgħa tal-parking bays fil-parking area.

20.4.5 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li bdejna nġorru l-affarijiet mill-istore il-qadim għal dak il-ġdid sabiex nidew il-progett tal-librerija.

20.4.6 Is-Sindku rrefera għall-istima għal taraġ tal-irħam t'Għawdex provduta minn AF Ellis għall-prezz ta' €4,360.00 + V.A.T. inkluż l-installazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi ma' din l-istima u li għandna nitolbu jiġu jieħu l-qies preċiż.

20.4.7 Is-Sindku għamel referenza għall-Cleanup event li ser tiġi organizzat minn Team Start fl-area magħrufa Taht Chambray. Sar qbil li l-Kunsill ghandu jghinhom bl-aħjar mod possibli billi jipprovdilhom boroz u anke servizz tal-gbir tal-iskart wara l-attivita'.

20.4.8 Is-Sindku rrefera għal vandaliżmu li qed iseħħ kontinwament f'Sant'Eliju. Huwa saħaq fuq l-importanza li ma għandniex noqgħodu nistennew li nwettqu l-proġett iżzda naqbdu u ninstallaw cctv solar fil-post. Sar qbil li għandha tinxtara camera 4G Solar u titwaħħal fuq arblu. Huwa semma' li meta ċċekkja din tiswa madwar €550 bl-installation b'kollox. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċcedi billi jixtriha u jinstallaha kemm jista jkun malajr.

20.4.9 Is-Sindku għamel referenza wkoll għat-talba li ressqulna ta' Għajnsielem Pump Track fejn talbuna sabiex nixtru Pro Start. L-orħos waħda li hawn fis-suq hija madwar €6000. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jinvesti fis-sħiħ f'dan l-isports u sar qbil li għandna nitolbu lill-Ministeru għhal Għawdex jew dak tal-Sports biex jgħinna finanzjarjament. Sar qbil li ghandna nintroducu wkoll cctv fil-post kif ukoll xi dwal.

20.4.10 Saret referenza għad-double yellow lines quddiem bieb ta' stabiliment tal-gaming fi Triq il-Ġnien sabiex jitneħħew peress li huma llegali u qed jieħdu

parkeġġ. Il-Kunsill qabel li fuq talba tal-ġirien għandu jitlob lil Transport Malta sabiex jitneħħew għhax qed jokkupaw parkeġġ.

## 20.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

20.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca irrimarka li nnota b'sodisfazzjon li l-globi li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Sant'Antnin issewwew u xegħlu.

20.5.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex inressqu t-talba sabiex tiġi nstallata bozza ġdida ħdejn il-pompa tal-New Water fit-triq tal-Heliport .

20.5.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera wkoll għall-ħtiega ta' patching lit-toqob kbar li hemm fl-istess area kaġunati mill-ilma li joħroġ mill-istess pompa. Is-Sindku rrefera għal fatt li l-awtoritajiet huma nfurmati dwar dan u wkoll għat-talba li ressaqna sabiex issir platform. Lis-Sindku semma' li għadna nistennew sabiex isir meeting mal-perit fuq il-post.

20.5.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg talaba sabiex isir ftit cement fil-kantuniera Patri Frangisk Cauchi.

20.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għhall-appartamenti tal-Mgarr Heights u li min qed jieħu ħsieb il-Complex l-apartment ħadu l-passagg ezistenti għal diversi snin minn naħa ta wara ġie inaċċessibli. Sar qbil li għandna nitolbu lid-Dipartiment tal-Artijiet u niċċekkjaw x'illegalitajiet hemm.

20.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal fatt li n-Nursery ta' Għajnsielem FC qed jagħmlu suċċess kbir u qed jitolbu sabiex il-Kunsill jikkollabora billi jgħinhom f'weekend ta' training f'Malta. Sar qbil li għandna naraw x'inhu meħtieġ u nikkollaboraw b'xi tip ta' għajnuna.

20.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nergħu ntennu t-talba sabiex jitwaħħlu l-mirja fi Triq Sant'Antnin.

20.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex tinbidel mera imkissra li tinsab fil-kantuniera minn Triq Bengħazi għhal Triq il-Ġnien.

20.5.9 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-bankina li saret ġdida fi Triq Sant'Antnin kantuniera ma' Hamri għax ġiet perikoluza ħafna. Is-Sindku wieġbu li diġa għamilna kemm il-talba sabiex titranġa. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat talba formali biex jiġi evitat il-periklu.

20.5.10 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex nibgħatu reminder rigward il-blat li kien waqa' x-Xatt l-Aħmar u x'azzjoni ser tittieħed. Talab ukoll sabiex infakkru sabiex tissewwa l-platform tal-ħadid fix-Xatt l-Aħmar.

20.5.11 Tressqet it-talba mressqa mill-Viċi Sindku Franco Ciangura sabiex isiru protective railings quddiem ir-Rexy. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta.

## 20.6 Korrispondenza

20.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fejn talab sabiex issir loading un/loading bay quddiem il-ħanut fi Triq il-Ġnien. Fuq bażi li rrifjutajna talba tal-ħanut ta' ma' ġenbu ser tkun diffiċcli u anke għal fatt li dan il-ħanut li qed jagħmel it-talba huwa wieħed staġjonali u ma naffordjawx nitilfu parkeġġ ieħor f'din it-triq.

20.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex jerġħu jeħlu s-sleeping police fi Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna nressqu t-talba lill-Transport Malta sabiex jerġħu jiġu nstallati.

20.6.3 Ġiet trattata t-talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Firilla għal ftit cement mal-bankina għax qed iżżomm l-ilma.

20.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal bozza ġdida fi Triq Simirat. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex inwaħħluha fuq arblu li hemm fil -viċin.

20.6.5 Ġiet trattata t-talba għal ħtieġa ta' bozza ġdida fi Triq il-Hamri mal-aħħar residenza hdejn il-Belvedere. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt fejn hija meħtieġa.

20.6.6 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Personal Accident insurance. Sar qbil li għandna ninxurjaw lill-istaff u kunsilliera.

20.6.7 Ġiet trattata t-talba biex tiqsar il-bracket tal- arblu tad-dawl li jinsab fi Sqaq fi Triq Hamri. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba biex isir dan ix-xogħol.

20.6.8 Ġiet trattata t-talba sabiex tiċċaqlaq il-bus stop fejn qed jinbena bini ġdid Ta' Karkanja fi Triq Hamri. Sar qbil li għandna mmexxu din it-talba.

## 20.7 Wara l-attivitajiet tal-Milied 2020

20.7.1 Is- Sindku rrefera għal fatt li minkejja li żiedna ħafna fit-tiżjin tal-Milied u l-ispejjes relatati miegħu, dan kollu ntlaqa' tajjeb ħafna u faħħar ukoll l-fatt li ġo żmien ġimgħa rnexxielna nżarmaw kollox.

20.7.2 Is-Sindku spjega kif rigward l-attivita' ta' Milied Solidali ntlaqa' tajjeb ħafna apparti li ttardja ftit l-ikel.

20.7.3 Il-kunsillier Teddy Saliba faħħar l-attivtajiet kollha u ddeskrivihom bħala tajbin ħafna minkejja li kien hemm xi lmenti li qbiżna xi uħud mill-anzjani waqt iż-żjarat li għamilnilhom fl-attivita' "Minn wara t-Tieqa" iżda aħna mxejna mar-reġsitru elettorali u l-anzjani kienu fiċ-ċans li jinkitbu wara diversi avviżi li ħriġna.

20.7.4 Is-Sindku Kevin Cauchi reġa' rrefera għas-Siġra tal-Milied li kienet sabiħa ħafna u li fl-assenza tal-presepju ta' Bethlehem f'Għajnsielem serviet bħala attrazzjoni unika u li u ser tibqa minn sena għall-oħra.

## 20.8 Annimali Bethlehem

20.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal problemi kbar li nħolqu bl-għadd ta' voluntiera li hemm f'Ta Passi fir-rigward ta' annimali. Il-problemi huma bosta; diżgwid, tgħajjir u akkużi bejniethom permezz ta' emails twal u messaġġi twal minn għandhom fil-konfront tagħna anke wara l-ħin tax-xogħol, problemi ta' għalf doppju u ħela sfrenat. Dan kollu jinsika li l-Kunsill tilef il-kontroll assolut u ma jistax ikun li nkomplu sejrin hekk. Fir-rigward tal-ħmara, peress li qed issoffri minn mard serju u li jintieġ attenzjoni speċifika minn sid wieħed, il-Kunsill qabel li għandu jirritorna lil sidha u jekk il-kundizzjoni tagħha titjieb tkun tista tinġab għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem biss. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li għandhom jitneħħew l-annimali kollha minbarra dawk li hemm fil-gaġeġ. Sar qbil li għandna nagħrfu lill-voluntiera kollha dwar dan. Sar qbil li għandna ninkarigaw persuna ta' fiducja biex jieħdu ħsieb jagħlef u jnaddaf hu u nixtrulu l-għalf meħtieg aħna.

## 20.9 Skema restawr ta' postijiet storiċi

20.9.1 Is-Sindku ħabbar li għall-iskema tar-restawr tan-niċeċ u taċ-ċumnija, il-Kunsill irnexxielu jikseb l- permessi kollha tal-Ippjanar iżda bħala finanzjament mill-EcoGozo ġie approvat il- proġett tar-restawr taċ-ċumnija biss.

20.9.2 Il-Kunsill laqa' b'sofisfazzjon l-aħbar taċ-ċumnija u qabel li peress li ksibna l-permessi meħtieġa, ikun għaqli li nirrestawrawhom mill-fondi tal-Kunsill.

20.9.3 Sar qbil li għandna noħorġu żewġ tenders separati, wieħed għan-niċeċ u l-ieħor għac-ċumnija.

## 20.10 Preżentazzjoni ta' Slowstreets

20.10.1 Is-Sindku ta PowerPoint presentation tal-proġett Slow Streets għal-lokalita' Ta' Għajnsielem. Huwa spjega l-kunċett ta' Slow Streets u r-

rakkomdazzjonijiet proposti mill-esperti li permezz tal-implimentazzjoni tagħhom jew parti minnhom, inkunu qed nikkontribwixxu lejn ambjent aħjar u san fejn il-pubbliku jingħata lura t-toroq għall-użu u mistrieħ tiegħu u mhux għat-traffiku.

20.10.11 Il-Kunsill qabel ma diversi kunċetti speċjalment ma' dak provdut għal Triq J F de Chambray. Sar qbil li għandna niddiskutuh fid-dettal.

## 20.11 Mizura 4.3 – Triq ta' Bordin

20.11.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li għamilna sabiex is-savings li kellna għall- Miżżura 4.3 għal Triq il- Briegħen u Triq ix-Xatt l-Aħmar, jintefqu fi Triq oħra rurali, dik Ta' Bordin. Din it-talba ġiet aċċettata u ser jingħata bidu mmedjat biex tinħareġ l-offerta.

20.11.2 Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nressqu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħtu l-konkos lill-kumplament tat-triq.

## 20.12 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

20.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taqbeż il-limitu biex tara lill-Kunsill jimxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn speċjalment f'dawk li huma applikazzjonijiet ta' skemi u tmexxija tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropea li jirrikjedu dedikazzjoni sħiħa. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u li għandha tingħata l-massimu bil-qawwa kollha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha u sens ta' teamwork li jaħdmu bih u li permezz tiegħu tikkunsidrahom bħala t-tieni familja tagħha.

20.12.2 Fir-rigward tal-istaff, is-Segretarju Eżżekuttiv proponiet li għandhom jingħataw il-Performance Bonus massimu. Il- Kunsill qabel unanimament ma' dan.

## 20.13 Materji oħra

20.13.1 Waqt il-laqgħa saret il-preżentazzjoni lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-Milied. Is-sindku spjega l-importanza tat-tradizzjoni tal-presepju u l-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet huma biex ninċentivaw lin-

nies biex iżejnu aktar bħalma għamilna aħna bħala Kunsill li ta kull sena qed inżejnu dejjem aktar areas anke l-barra mill-pjazza.

20.13.2 Sar qbil li għandna nressqu t-talba lil Transport Malta sabiex issir tabella oħra No Right Turn 'l fuq mir-Rexy għax mhux qed jindunaw b'dik li hemm.

20.13.3 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex kultant il-Kunsill għandu jqabbad xi gwardjani sabiex jagħmlu ronda u jinfurzaw il-liġijiet.

20.13.4 Preżenti għal-laqgħa attendew ukoll Michael Bongailas u Josef Azzopardi fejn ressqu l-proposta tagħhom sabiex jagħmlu Mountain Bike Ride u Swim Run fix-Xatt l-Aħmar. Il-Kunsill laqa' din il-proposta bil-ħerqa peress li bħala Kunsill minn dejjem kien minn ta' quddiem fejn jidħol Sports. Huma talbu li bħala Kunsill jista jgħinhom f'xi spejjes ta' trophies jew servizz tal-ERRC. Il-Kunsill tahom in-No Objection tiegħu bil-kundizzjoni li jiġu akkwistati l-permessi kollha neċessarji u jittieħdu l-prekawżżjonijiet kollha minħabba l-Covid 19.

20.13.5 Is-Segretarja spjegat kif inħarġgu l-offerti ta' Pjazza Tolfa u tal-Patching. Proponiet li għandhu jinħatar l-Evaluation Board sabiex inkunu nistgħu nipproċedu malajr. Il-Kunsill qabel li l-Bord għat-tender ta' Pjazza Tolfa għandu jkun kompost mis-Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber, mill-Kunsillier Larry Buttigieg, mis-Sur William Sultana, mill-Avukat Joshua Grech u mill-Perit Godwin Sultana filwaqt li għat-tender tal-Patching għandu jkun kompost mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, mill-Kunsillier Larry Buttigieg, mis-Sur William Sultana, mill-Avukat Joshua Grech u mill-Perit Alex Bigeni.

## 20.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti

20.14.1 Is-Segretarja prezenta l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati ghall-ħlas.

## 20.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.15.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u giet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**